MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 258/2010

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta’ Ottubru 1987 skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A u minn dan iz-zwieg kellhom tifla D E B;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli

ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawza;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tad-9 ta’ Ottubru 1987 fuq imsemmi huwa null u bla effett fil-ligi.

Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C B li permezz taghha eccepixxa:

Illi l-esponenti jaqbel illi l-kontendenti zzewgu nhar id-disgha (9) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija u sebgha u tmenin (1987);

Illi l-esponent jaqbel li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti kif ser jigi ppruvat fil-mori tar-rikors;

Ghaldaqstant, l-esponent m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat l-affidavit prezentati.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza ilhom mizzewgin erbgha u ghoxrin sena. Ghandhom tifla ta’ tmintax-il sena.

L-istorja ta' dan iz-zwieg hija wahda ta' turbolenza kbira, b'diversi firdiet de facto u attentati ta' rikonciljazzjonijiet. Il-mara qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti ta' zewgha. Zewgha jaqbel li z-zwieg huwa null. Bhala provi, f'din il-kawza ngabu biss l-affidavit tal-partijiet u iehor ta' omm il-mara. Il-Qorti tibda billi ttenni l-principju kostantament ribadit minn dawn il-Qrati illi:

"*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju*" ("**Anna Tonna vs Alexander Tonna**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

F'materja ta' difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, l-insenjament ta' dawn il-Qrati dejjem ittendi fis-sens illi:

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (<u>autonomia</u>) from all force from within*" ("**Janet Portelli vs Victor**

**Portelli**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Awissu, 1995).

“*B’difett serju ta’ diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita’, il-parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg*” (“**Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-4 ta’ Novembru, 1994).

“*Kwantu ghad-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**Isabelle Zarb vs Stephen Attard**, gja’ citata). Mhix ghalhekk kwistjoni ta’ inkompatibilita’ ta’ karattru, jew ta’ decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar “anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”. Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom*” (“**Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-10 ta’ Settembru 1997).

Fil-kaz in ezami, il-ftit provi prodotti ma jwasslux lill-Qorti ghall-konvinciment tan-nullita’ taz-zwieg. Il-Qorti tifhem li l-partijiet ghamlu zball meta dahlu ghar-rabta taz-zwieg u tifhem ukoll illi seta’ kien hemm element ta’ immaturita’ fit-tnejn li huma. Dan pero’ ma jwassalhiex biex tiddikjara n-nullita’, issa dawn is-snin kollha wara z-zwieg. Din il-Qorti difficli li, wara dawn is-snin kollha, ghadu jregi l-argument

ta' immaturita', anke kieku dan kellu jitqies bhala kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita'. Wara dawn il-hafna snin, il-Qorti aktar ittendi temmen li, minhabba r-relazzjonijiet li ghandhom fil-prezent (liema relazzjonijiet l-ebda wahda minnhom ma nnegat) kien ikun aktar komdu ghat-tnejn li huma li kieku z-zwieg ma ezista qatt.

Il-Qorti tinnota ukoll illi l-uniku affidavit maghmul minn persuna mhux familjari tar-rikorrenti huwa dak tal-persuna inkarigata mix-shelter ghall-vittmi tal-vjolenza domestika fejn baqghet ir-rikorrenti ghal tlett xhur wiehed u ghoxrin sena ilu.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti ma gietx pruvata.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------